MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Rikors Numru. 440/2002/1

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**-vs-**

**Alexander Caruana.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ Alexander Caruana pprezentat fis-17 ta’ April 2002 li permezz tieghu espona bir-rispett:

Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Mizjud hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-kont mahrug arbitrarjament mid-departiment tat-taxxa fuq il-valur mizjud l-esponent

ma kienx notifikat skond il-ligi ghall-fini ta’ Kap 12 u Kap 406 u dana kif gie spjegat hafna drabi lid-departiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kemm verbalment u kemm bil-miktub.

Illi l-esponent qatt ma iffirma n-notifika illi tinfurmah bl-ex ufficio assessments u ghalhekk huwa ma kienx jaf illi kien ghaddej it-terminu sabiex jappella u ghalhekk huwa ma appellax.

Illi b’dana d-departiment gie infurmat kemm il-darba sabiex il-kontijiet jigu notifikati skond il-ligi b’hekk jinghata d-dritt lil esponent jkun jista’ joggezzjona jew jappella il-kont.

Illi jinghad wkoll li d-departiment kien jaf ghaliex gie infurmat bl-indirizz il-gdid u ghalhekk l-esponent ma jistax jifhem ghaliex saret procedura bin-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern bi hsara u danni lill-esponent senjalatament mal-bank li jahdem mieghu.

Illi xi zmien ilu l-manager tal-bank baghat ghal-mara ta’ esponenti u qallha li kien hemm mandat ta’ sekwestru li rrisulta li hareg fuq l-indirizz ta’ Debry House, Spanish Bream Street, Bugibba u li gie notifikat permess t’affissjoni ma’ l-istess dar u dan bhall-ittra qablu u dan meta l-esponenti kien baghat ittra ufficjali fejn hemm indikat l-indirizz l-gdid.

Illi, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-familja tal-esponent kellha disgrazzja kbira meta l-ewwel iben Keith kien involut f’incident tat-traffiku u tilef il-memorja u baqa’ jitlifha minn zmien ghal zmien u sena wara huh iz-zghir Allan kien involut ukoll f’incident tat-traffiku u baqa’ paralizzat totalment u fil-jurusprudenza Ingliza dwar il-VAT jinstabu hafna kazi fejn l-awtorita’ kellha izid it-termini li fihom individwu jezegwixxi

l-obbligi tieghu taht il-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud minhabba problemi serji li jkun ghaddej minnhom l-individwu.

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jighgobha tirrevioka l-mandat fuq indikat u joghgobha tordna lid-departiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud li jinnotifika regolarment il-kont in kwistjoni, sabiex l-esponent jkollu zmien sabiex hu jkun jista' joggezzjona jew jappella il-kont u b'hekk kollox jimxi b'mod regolari u skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud pprezentata fl-24 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha espona bir-rispett:

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti raguni:

a. Kull korrispondenza mibghuta bil-posta normali, u fil-kaz tal-kont in kwistjoni permezz tal-posta registrata, fl-indirizz 'Derby', Triq il-Pagell, San Pawl il-Bahar qatt ma gew lura lejn id-Dipartiment u sahansitra skond kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok.1 iffirma ghalihom ir-rikorrent stess.

b. L-indirizz 'Derby', Triq il-Pagell, San Pawl il-Bahar, gie ndikat mir-rikorrent stess fil-korrispondenza tieghu mad-Dipartiment (ara l-ittra tat-18 ta' Awissu, 2000, hawn annessa bhala Dok. 2) sussegwenti ghall-ittra ufficjali, u wkoll jirrizulta bhala dak ufficjali (ara kopja tar-Registru Elettorali hawn annessa u mmarkata Dok. 3).

c. Mill-ittra Dok. 2 jirrizulta li r-rikorrent kien ircieva l-ittra ufficjali ta' l-intimat tat-3 ta' April, 2000, ghaliex proprju jaghmel riferenza ghaliha, izda ghal xi raguni mhux maghrufa lill-intimat xorta r-riferta tidher negattiva u ghalhekk kellha tigi segwita l-procedura sabbilita fl-art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Ir-rikorrent qatt ma baghat jinforma bil-miktub lill-intimat bl-indirizz il-gdid tieghu.

Ghalhekk l-intimat jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tichad bl-ispejjez it-talbiet dedotta fir-rikors fl-ismijiet fuq premessa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru imsemmi ghal zewg ragunijiet u cioe' ghax qed jghid li n-notifika ma saritx skond il-ligi u ghax kellhu problemi familjari.

Fir-rigward tat-tieni kawza il-Qorti qed taghmilha cara illi ma ghandha ebda fakolta' illi tirrevoka mandate ghal din ir-raguni. Infatti r-rikorrent ma indika ebda artikolu fil-ligi biex jissostanzja t-talbiet tieghu. Fil-waqt li l-Qorti ghandha kull simpatija ghall-problemi illi inqalghu lir-rikorrent ma tista' taghtih ebda rimedju f'din il-vertenza.

Ir-rikorrent qed jilmenta ukoll lin-notifika ma saritx skond il-ligi. Mill-kopja tal-ittra ufficjali li kopja taghha hija esebita a fol 10 tal-process jidher li l-intimat baghat l-ittra ufficjali illi tirrendi l-kont esekuttiv f'April tas-sena 2000 fl-istess indirizz indikat minnu fir-rikors promotur. Mid-diversi tentattivi ta' notifiki jidher car li dawn kollha kellhom ezitu negattiv ghaliex ma kien jiftah hadd. Fl-ahhar l-intimat adotta l-procedura tal-affissjoni li saret fit-13 ta' Settembru 2001. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta li l-intimat kien qed jipprova jinnotifikah f'xi indirizz li ma kienx korrett. Mill-kwantita' kbira ta' notifiki negattivi (anke tal-istess avviz ta' smigh ta' dawn il-proceduri) jidher li kien fl-interess tar-rikorrent li ma jigix notifikat.

l-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 jghid li meta jirrizulta li ma jistax isir access ghall-fond fejn trid issir in-notifika, il-Qorti tista' tordna li ssir in-notifika billi titwahhal kopja tal-att in kwistjoni f'post pubbliku fil-belt jew rahal fejn trid issir in-notifika u ssir ukoll publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u xi gurnal iehor u dan barra li titwahhal kopja tal-att mal-bieb tal-istess fond. Mill-process ma hemmx indikazzjoni cara jekk dan sarx jew le, izda hemm riferita posittiva (li tindika li saret l-affissjoni) u anke indikazzjoni a fol 11 tal-process illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Barra minn dan, kif irrimarka l-intimat fir-risposta tieghu, ir-rikorrenti jaghmel riferenza ghall-ittra ufficjali imsemmija fl-ittra tieghu tat-18 ta' Awissu 2000 (Dok. 2 – fol 18) u kwindi ma jistax jghid li ma kienx jaf biha. Il-proceduri legali ghan-notifika mhumiex qeghdin biex jigu intralcjati l-proceduri legali izda biex il-Qorti tkun certa li l-persuna koncernata tkun irceviet dak l-att u jidher li r-rikorrent kien effettivament ircevih anke jekk mir-riferta dan ma jirrizultax.

Mhux biss ir-rikorrenti kien jaf bl-ittra ufficjali izda anke bl-ammont dovut tant li jaghmel ukoll riferenza ghalih.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjes kontra tieghu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------